MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 184/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Anne Bruno Bartolo**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm635.18c (sitt mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmintax-il centezmu) rapprezentanti servizzi telefonici li jgibu n-numri 381216, 383246, 383247 u 495328 liema servizzi gew installati fil-fond 'Penmel Court', 2, Triq il-Qasam, Swieqi skond diversi kontijiet mibghuta lilha.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------